**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

25 ta' Novembru 2024

L-Onor. Dr Anġlu Farrugia
Speaker tal-Kamra tad-Deputati
u President tal-Kumitat Permanenti
għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Bl-email permezz tal-Iskrivan tal-Kamra

Mr Speaker,

**Każ K/042**

Fil-laqgħa tal-Kumitat għall-Istandards tal-Ħamis 21 ta' Novembru 2024, issemmiet il-possibbiltà li l-Kumitat jibgħat għas-sottoskritt biex jispeċifika l-ammont li tħallas żejjed lis-Sinjura Amanda Muscat meta kienet impjegata bħala Policy Consultant fil-Ministeru għat-Turiżmu u l-Ministeru għal Għawdex.

Ir-rapport ta' dan l-Uffiċċju dwar il-każ K/042 jagħti l-ammonti annwali li kienet intitolata għalihom is-Sa. Muscat bħala salarju u allowances skont il-kuntratti tagħha. Madankollu, ir-rapport la jispeċifika kemm attwalment tħallset is-Sa. Muscat, u lanqas l-ammont li jista' jiġi meqjus li tħallas żejjed meta mqabbel mal-paga li kienet titħallas kieku baqgħet Private Secretary.

Ikun meħtieġ li dawn l-ammonti jinħadmu pro rata skont il-perjodi preċiżi meta s-Sa. Muscat kienet impjegata bħala Policy Consultant fiż-żewġ ministeri. Dan l-Uffiċċju m'għandux il-kompetenza biex jagħmel il-kalkoli neċessarji, u ma daħalx f'din il-materja waqt l-investigazzjoni tiegħu.

Huwa s-suġġeriment tiegħi li jekk il-Kumitat jiddeċiedi li għandu jsir jaf l-ammonti in kwistjoni, jirrikorri għand il-People and Standards Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Din id-diviżjoni hija risponsabbli għall-payroll tal-impjegati tal-gvern, inkluż persuni ta' fiduċja fil-ministeri.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika